MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 465/1994/2

**Josephine sive Joyce Calleja**

**Vs**

**L-Avukat Generali, l-Onorevoli Prim Ministru, u Gregorio sive Godwin Scicluna ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1995, li

biha gie deciz hekk fil-konfront tar-rikorrenti Josephine sive Joyce Callejja:

"1. Li l-applikanti sofriet lezjoni ghad-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli billi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali damu fi stat ta' waqfien komplet ghal aktar minn sentejn. Tqis li din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi "*just satisfaction"* ghal-lezjoni subita u hi rimedju adegwat fic-cirkostanzi u li mhemmx htiega ghall-kumpens iehor lill-applikanti ghar-ragunijiet fuq esposti, b'dan li l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ghandhom jipprocedu kif gia` stabbilit fis-17 ta' Lulju, 1995;

2. In kwantu l-applikanti qed tilmenta minn ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq minhabba t-telfien ta' dokumenti esebiti u l-mewt ta' xi xhieda, dan l-ilment jirrizulta li hu intempestiv u din il-Qorti tirrizerva d-drittijiet ta' l-istess applikanti f'dan ir-rigward "*si et quatenus*" <u>wara</u> li jigu konkluzi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti."

2. Biex ma jsirux ripetizzjonijiet inutili, kopja shiha ta' l-imsemmija sentenza sejra tigi annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza. Din il-Qorti mhix sejra tirriproduci hawn ir-rikors promotur tar-rikorrenti u r-risposta relattiva ta' l-intimati billi dawn jinsabu riprodotti fis-sentenza appellata annessa.

3. Ghandu jigi rilevat li l-procedura kostituzzjonali odjerna hija konnessa ma' proceduri kriminali, ezattament l-Att ta' Akkuza Numru 20/89 fl-ismijiet "<u>Repubblika ta' Malta vs Josephine sive Joyce Calleja u Gregorio *sive* Godwin Scicluna</u>" li tinkludi, *inter alia* l-akkuza ta' tentattiv ta' qtil volontarju tar-ragel ta' l-istess Calleja, liema fatt gara fis-27 ta' Lulju, 1983. Gregorio Scicluna wkoll kien intavola proceduri kostituzzjonali simili ghal dawk odjerni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, illi ittrattat iz-zewg kawzi kontestwalment u ddecidiethom it-tnejn fl-istess gurnata, cioe` l-14 ta' Lulju, 1995. It-tnejn li huma appellaw

quddiem dina l-Qorti fis-17 ta’ Lulju, 1995, f’liema jum kien gie appuntat il-guri taghhom. Huma talbu li l-Qorti Kriminali tissoprassjedi sakemm dana l-appell jigi deciz, liema talba, pero`, ma gietx akkolta.

4. Kemm ir-rikorrenti Callejja kif ukoll Gregorio Scicluna qeghdin jallegaw, fil-proceduri ta’ natura kostituzzjonali intavolati separatament minnhom li d-drittijiet fondamentali taghhom imharsa mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem gew miksura. It-tnejn qeghdin isostnu li l-proceduri kriminali li ttiehdu kontrihom twalu ghal zmien irragonevoli. Jallegaw li dan il-fatt tad-dewmien, fih innifsu ikkawza pregudizzju ghad-difiza taghhom. Qeghdin jallegaw ukoll li huma ma jistax ikollhom smiegh xieraq fil-proceduri kriminali mehuda kontrihom billi fil-frattemp ittri li kienu esebiti fl-Atti tal-Kumpilazzjoni mill-Prosekuzzjoni kienu sfaw nieqsa u b’hekk giet pregudikata irrimedjabilment id-difiza taghhom. *Inoltre* r-rikorrenti Calleja qeghdha ssostni li hija kienet indikati bhala xhieda ghad-difiza taghha lill-genituri tar-ragel taghha, li pero` dawn ma jistghux jixhdu waqt il-guri ghaliex illum jinsabu mejtin.

5. Minhabba s-similarita` kbira, (jekk mhux l-identicita`) bejn iz-zewg proceduri tentati miz-zewg akkuzati Calleja u Scicluna, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qalet hekk fis-sentenza taghha msemmija:-
“ Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma l-istess li ipprovokaw ir-Rikors Kostituzzjonali prezentat minn Gregorio *sive* Godwin Scicluna – ko-akkuzat maghha – li wkoll ilmenta minn ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu (1) li ma nghatax smiegh fi zmien ragjonevoli u (2) li minhabba t-telfien ta’ prova, ma setax ikollu smiegh xieraq. Drittijiet fondamentali protetti bil-Kostituzzjoni ta’ Malta u bil-Konvenzjoni Ewropeja;

Kien sewwa u opportun li l-partijiet interessati kollha qablu li dawn iz-zewg rikorsi jigu trattati kontestwalment. Ir-rikors ta’ l-istess Gregorio Scicluna gie deciz illum minn din il-Qorti. Il-konsiderazzjonijiet f’dik is-sentenza japplikaw “*mutatis mutandis*” u ghandhom jitqiesu li huma

parti integrali minn din is-sentenza. Necessarjament id-decizjoni f'dan ir-rikors trid tkun identika ghal dik li waslet ghaliha l-Qorti fir-rikors l-iehor ghax l-istess hu l-motiv, l-istess huma t-talbiet u l-istess ir-rimedju mitlub."

6. Effettivament kemm Scicluna kif ukoll Callejja appellaw separatament mis-sentenzi moghtija fl-14 ta' Lulju, 1995. L-intimati Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru, min-naha taghhom appellaw incidentalment. L-appelli quddiem dina l-Qorti instemghu kontestwalment ghar-raguni li diga` nghatat u cioe` li t-talbiet huma l-istess kif ukoll huma l-istess ir-rimedji rikjesti.

7. L-appellanti Calleja, wara li spjegat id-diversi aggravji taghha talbet li dina l-Qorti
"…… joghgobha tikkonferma d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ta' l-14 ta' Lulju 1995, in kwantu dina ddecidiet li l-esponenti sofriet lezjoni ghad-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli billi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali damu fi stat ta' waqfien komplet ghal aktar minn sentejn, u li tirrevoka s-sentenza appellata fil-kumplament taghha, u cioe` in kwantu hi iddecidiet u qieset li d-dikjarazzjoni taghha tikkostitwixxi "*just satisfaction"* ghal-lezjoni subita u hi rimedju adegwat fic-cirkostanzi u li mhemmx htiega ghal kumpens iehor lill-esponenti ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza, b'dan illi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ghandhom jipprocedu kif gia` stabbilit fis-17 ta' Lulju, 1995, u inoltre` tirrevokaha wkoll in kwantu l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti, in kwantu l-esponenti qed tilmenta minn ksur ta' dritt taghha ghal smiegh xieraq minhabba t-telfien ta' dokumenti esebiti, iddecidiet li dan l-ilment jirrizulta li hu intempestiv, b'hekk li irriservat id-drittijiet ta' l-esponenti f'dan ir-rigward *si et quatenus* wara li jigu konkluzi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, billi joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex tizgura t-twettiq ta' l-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** (l-Att XIV ta' l-1987), fosthom billi tordna li jieqfu minnufih il-proceduri

kriminali u cioe` l-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Josephine *sive* Joyce Calleja u Gregorio *sive* Godwin Scicluna** (Att ta' Akkuza Numru 20/89), wara li jigi dikjarat illi t-tkomplija ta' l-istess process penali msemmi tammonta ghal ksur tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, u inoltre li taghti kull rimedju xieraq ghad-dewmien, fosthom kumpens ghall-ksur tad-drittijiet taghha."

8. L-intimati appellati, wara li wiegbu ghall-aggravji imsemmija fir-rikors ta' l-Appell ta' l-appellanti, ipprevalixxew ruhhom mill-istess appell, interponew appell incidentali, li bih, wara li spjegaw l-aggravji taghhom, talbu li dina l-Qorti joghgobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddecidiet li l-applikanti sofriet lezjoni ghad-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u, in kwantu konsegwenzjali ghal din il-parti, thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn iddikjarat li din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi "*just satisfaction*" ghal-lezjoni subita u hi rimedju adegwat fic-cirkostanzi u li mhemmx htiega ghall-kumpens iehor lill-applikant ghar-ragunijiet esposti u minflok jew tichad it-talbiet tar-rikorrenta fir-rigward jew tiddeklina milli tezercita l-guridizzjoni kostituzzjonali taghha in materja minhabba li r-rikorrenta naqset milli tezawrixxi r-rimedji ordinarji li kellha ghad-disposizzjoni taghha u tikkonfermaha fil-bqija bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu mir-rikorrenta appellata.

9. Wara li dina l-Qorti ezaminat akkuratament il-process kollu u semghet it-trattazzjoni hija ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:-

a. Kif sewwa irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma l-istess li ipprovokaw il-proceduri kostituzzjonali prezentati minn Gregorio sive Godwin Scicluna – ko-akkuzat ma' l-appellanti Callejja. Scicluna bhall-appellanti Callejja wkoll ilmenta, kif diga` intqal, minn ksur ta' drittijiet fundamentali tieghu billi (i) ma nghatax smiegh fi zmien ragjonevoli u (ii) li minhabba t-telfien ta' prova, huwa ma setax jiddefendi

ruhu sewwa u ghalhekk ma setax ikollu smiegh xieraq fil-proceduri kriminali tentati kontrih.

b. L-Ewwel Qorti tat decizjoni identika fiz-zewg sentenzi ta’ l-14 ta’ Lulju, 1995. Hija osservat li l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza provokata minn Gregorio *sive* Godwin Scicluna kienu japplikaw “*mutatis mutandis*” fl-odjerna sentenza appellata, u l-istess konsiderazzjonijiet kellhom jitqiesu li huma parti integrali minnha.

c. Din il-Qorti tosserva li l-aggravji u l-kritika li l-appellanti Calleja ressqet fil-konfront tas-sentenza appellata huma sostanzjalment l-istess bhal l-aggravji relattivi mressqa minn Gregorio *sive* Godwin Scicluna, fl-appell tieghu. Anke t-talbiet taz-zewg appellanti huma prattikament l-istess, kif l-istess ukoll hija l-insistenza taghhom ghar-rimedji pretizi minnhom, cioe` kumpens pekunarju biex jaghmel tajjeb ghad-dewmien u l-ordni tat-twaqqif immedjat tal-proceduri kriminali (li kienu pendenti meta sar l-appell) billi ippretendew li ma setghux jinghataw smiegh xieraq.

d. L-appell incidentali li l-Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru ressqu fil-konfront tas-sentenza appellata huwa identiku ma’ l-appell incidentali li tressaq fil-kaz ta’ Gregorio *sive* Godwin Scicluna.

e. F’dawn ic-cirkostanzi jidher car li d-decizjoni tal-partijiet kollha intressati li z-zewg appelli jigu trattati kontestwalment kienet decizjoni opportuna u xierqa.

f. Illum stess din il-Qorti iddecidiet l-appell fl-ismijiet “Gregorio *sive* Godwin Scicluna –vs- Avukat Generali et (Rikors Nru 463/94). Il-konsiderazzjonijiet kollha li din il-Qorti ghamlet f’dik is-sentenza japplikaw *mutatis mutandis* ghas-sentenza odjerna u ghandhom jitqiesu li jifformaw parti integrali minnha. Isegwi li d-decizjoni f’dana l-appell ghandha tkun identika ghad-decizjoni li din il-Qorti waslet ghaliha fl-appell imsemmi numru 463/94.

10. Ghal dawn il-motivi:-

a) Tichad l-appell principali ta' l-appellanti Calleja;

b) Tichad l-appell incidentali ta' l-intimati;

c) Tikkonferma s-sentenza appellata;

d) Tordna li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu sopportati kif decizi fis-sentenza appellata, filwaqt li dawk ta' din l-istanza konnessi ma' l-appell principali jibqghu a karigu ta' l-appellanti Callejja, mentri dawk konnessi ma' l-appell incidentali jibqghu a karigu ta' l-intimati Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru.

Deputat Registratur
Mg

## APPENDICI I

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju, 1995, qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

## APPENDICI II

Kopja tas-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti fl-ismijiet "Gregorio sive Godwin Scicluna –vs- Avukat Generali et" qed tigi annessa hawn sabiex il-konsiderazzjonijiet li ghamlet fiha din il-Qorti jkunu jistghu jiffurmaw parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------